SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-wieħed u tletin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar it-Tnejn 16 ta' Novembru fil-5:00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:* Luigia Grima
John Mercieca
Joseph Sultana

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Is-Sindku rrefera għall-ittra ndirizzata lilu mingħand is-Sur Joe Fiteni u xi nies oħra li kienet tinkludi petizzjoni mingħand xi residenti ta' Triq San Lawrenz biex titneħħa *Bus Stop sign* li tinsab f'din l-istess triq.

3.2 Is-Sindku semma li xi ħadd wara l-laqgħa ta' l-aħħar Kunsill, wassal kelma b'kelma x'ingħad fil-laqgħa u ftit jiem wara rċieva din l-ittra. Huwa qal li dan il-fatt ma jinkwetaħx għaliex li jingħad fil-laqgħa huwa kollu pubbliku, pero li ddejjaq bih kien għaliex ma ntwerietx irġulija mill-persuna li wasslet kelma b'kelma dak li ntqal fil-laqgħa. Hu ħass li kellu jlaqqa' lill-firmatarji biex jismahom u jitkellem magħhom dwar it-talba tagħhom dik li l-Bus Stop tinqala minn postha u titpoġġa aktar il-barra fejn kienet oriġinarjament. Huwa qall li fisser lil dawn in-nies x'kien l-iskop tal-Kunsill għaliex ma kienx jaqbel li titħarrek, minħabba l-fatt tad-distanza li hemm bejn il-pjazza u dak il-post.
Is-Sindku stqarr li huwa ċert li il-maġġoranza tal-firmatarji huma ġenwini u ra dan speċjalment wara li tkellem maggħom u għal dan il-għan huwa talab lir-residenti proposta li jaqblu kollha fuqha u għalhekk ppropona li għandna ngħaddu t-talba tagħhom quddiem l-ADT.

3.3 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-MEPA rigward il-vetturi ta'l-iskart.

3.4 Ġiet trattata wkoll il-proposta mingħand il-kuntrattur Jonathan J Borg biex nibdlu d-dawl ta' mal-monument Dun Salv Portelli u dwal ieħor fil-viċinanza f'dawl energy saving. Dan jiġi jiswa €179.80. Il-Kunsill qabel li għandna mmexxu fuq din il-proposta.

## 4.0 Wara l-Proġett ta' l-EU d-link

4.1 Is-Sindku rrefera għall-attivita' tal-Konferenza u l-attivita' marbuta magħha bit-titlu "*Innovation and Creativity*" u għas-success miksub. Kien hemm qbil li tal-organizazzjoni tal-Konferenza u l-informazzjoni li ħareġ minnha kienet xi ħaġa fenominali.. Kien hemm qbil ukoll li l-attivita' tas-Sibt seta' kien hemm aktar nies pero milli jidher it-temp kiesaħ u probabilment din kienet ir-raġuni li ma kienx hemm in-nies li konna qed nistennew. Pero' meta tanalizza kollox, l-attivitajiet irnexxew u l-parteċipanti barranin baqgħu mpressjonati bil-programm provdut lilhom matul iż-żjara tagħhom.

4.2 Sar qbil li għandu jiġi preżentat rendikont tad-dħul u l-nfieq appena jkollna l-ispejjes u d-dħul kollu rrekordjat.

4.3 Is-Segretarja nfurmat lill-Kunsill li ser napplikaw għal ko-finanzjament ta' dan il-proġett.

## 5.0 Aġġornament fuq il-proġett EU tar-restawr tal-faċċata tal-Knsija

5.1 Is-Sindku rrefera għal dak li qed jiġri marbut mal-proġett tar-restawr tal-knisja u għal fatt li ħarġu żewġ offerti tax-xogħol u jinsabu online fuq il-websajt tal-Kunsill. Huwa semma li wara l-għeluq tagħhom ser jinħatar Bord tal-Evalwazzjoni mill-Kappillan biex evalwati dawn l-offerti.

## 6.0 Proposta għal proġett ieħor Energy Saving

6.1 Is-Sindku qal li wara s-suċċess tal-proġett tas-sena l-oħra kif konna diġa tkellemna u kif konna wegħdna għandna nipproponu proġett ieħor din id-darba ta' fotovoltajiċi. Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarja diġa ltaqgħu ma diversi operaturi dwar din il-proposta u semmew li ltaqgħu ma diversi offerti nteressati fosthom ta wieħed li qed joffri sistema domestika ta' pannelli għal prezz ta' €1000 biss, dejjem meta tnaqqas is-sussidju tal-MRA. Huwa semma li fl-opinjoni tiegħu din l-offerta hija waħda fenomenali u li żgur tikkumplimenta mal-programm ekoloġiku li fuqu mbarka l-Kunsill matul dawn l-aħħar sentejn. Huwa qal li flimkien mas-Segretarja ser ikomplu jiltaqgħu ma aktar biex jara l-aħjar offerti li minnhom igawdu r-residenti tagħna.

6.2 Huwa ppropona li għandha ssir laqgħa lin-nies biex infissru aħjar x'għandna f'moħħna.

6.3 Il-Kunsill qabel ma dan il-proġett u li għandha ssir laqgħa għall-pubbliku nhar it-Tnejn 22 ta' Novembru fil-5:30 ta' filgħaxija fis-sala taċ-Ċentru Parrokjali.

6.4 Sar qbil li għandna noħorġu avviż fid-djar kollha ta' San Lawrenz.

**7.0 Attivitajiet u armar tal-Milied.**

7.1 Is-Sindku ssuġerixa li peress li din is-sena m'aħniex ser nimportaw siġra tal-Milied mill-Italja jixraq li b'xi mod inżejnu l-entratura tar-raħal b'xi armar tal-Milied. Huwa ssuġerixxa li għandna nqabbdu lil Richard Cauchi, il-kuntrattur tal-manutenzjoni tal-istreet lightning, biex jarma daqs sitt pavaljuni tal-Milied matul Triq San Lawrenz. Sar qbil ma din il-proposta u li ukoll fil-pjazza għandhom jintramaw il-pavaljuni li għandna eżitenti u l-presepju fil-pjazza.

7.2 Bħala attivitajiet sar qbil li minflok il-*meals-on-wheels* għandu jitqassam *hampe*r żgħir lil dawk l-anzjani kollha li għandhom il-fuq minn 75 sena..

**8.0 Ħarġa għall-anzjani**

8.1 Sar qbil li għandha ssir ħarġa oħra għall-anzjani tal-lokal. Ġie deċiż li l-ħarġa ssir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Novembru u ssir quddiesa fil-kappella ta' Santa Luċija, Kerċem.

**9.0 Proġetti biex jinħaddmu minn ħaddiema mill-ETC**

9.1 Is-Sindku rrefera għal laqgħa li kellu ma uffiċċjali tal-ETC dwar programm ta' xogħolijiet sabiex jiġu mwettqa minn ħaddiem tagħhom. Huwa semma li tkellem magħhom dwar proġett ta' estenzjoni taċ-*Childcare Centre* kif ukoll dwar proġett ta' żebgħa u manutenzjoni tal-*istreet furniture* kollu tal-lokalita'.

9.2 Huwa stieden lill kunsilliera biex jaghtu s-suġġerimenti tagħhom. Pero kien hemm qbil li għandna nkomplu b'dawn il-proġetti.

**10.0 Mozzjoni**

10.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier John Mercieca li tgħid hekk:-

Ftit snin ilu kienet tressqet mozzjoni biex isir "Parking riservat ghal persuni b'dizabilita" fil-pjazza ewlinija tar-rahal. Din ma saritx peress li kien ser jsir il-progett tal-pjazza. Hekk msemmi progett jisher li ha jiehu xi ftit fit-tul. Ghalhekk qed nitlob li ssir immarkata kaxxa ghal dawn il-persuni b'disabilita'.

10.2 Il-Mozzjoni giet issekondata mis-Sindku Noel Formosa. Il-Kunsillier John Mercieca spjega li dan il-parkeġġ huwa wieħed bżonnjuż peress li hawn ħafna residenti li għandhom il-*blue sticker* u m'għandhomx parkeġġ riservat għalihom.

Is-Sindku qal li dan il-parkeġġ kien diskuss f'diversi laqgħat oħra u qal li rridu naraw li dan il-parkeġġ issa jkun f'postu. Il-Kunsillier Joe Sultana ssugerixxa li l-aħjar post li fih għandu jsir dan il-parkeġġ huwa fil-parking eżistenti li hemm fil-kantuniera proprju quddiem wahda mill-pots li tpoġġew quddiem il-knisja.

10.3 Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta u sar qbil li għandha tintbgħat ittra lill-ADT sabiex tikkunsidra din it-talba tagħna.

**11.0 Materji oħra**

11.1 Is-Sindku rrefera għax-xogħol propost għad-Dwejra fil-laqgħa ta' qabel u qal li l-perita bħalissa tinsab imħabbta pero malli tkun tista tikkuntatjana biex nibdew it-taħdidiet ħalli napplikaw għal permessi. Huwa semma li rigward it-taxi stand fid-Dwejra issa tneħħiet.

11.2 Sar qbil ukoll li għandna nikkunatjaw lis-Sur Toni Debono tar-Roads Department biex naraw tistax issir xi tip ta' manutenzjoni lit-triq tal-Qawra fid-Dwejra.

11.3 Is-Sindku rrefera ghal-fatt li kiseb informazzjoni ta min jorbot fuqha li t-tender ta' Triq San Lawrenz tinsab f'fażi avvanzata li toħroġ għal pubbliku għax fil-fatt tinsab għall-ivvetjar quddiem id-Dipartiment tal-Kuntratti.

11.4 Is-Sindku rrefera wkoll għal proposta li huwa ressaq fl-aħħar laqgħa dik li naghmlu plakkek tal-injam li jindikaw l-isem tal-mogħdijiet. Huwa semma li kkuntatja lil Luiġa Caruana minn San Lawrenz biex tkun tista tagħmilhom hi billi taħraq l-isem fuq l-injam. Huwa semma' li ser tagħmlilna kampjun biex inkunu nistgħu niddeċiedu dwaru, huwa semma li tkellem ma' Charlie Farruġia biex jipprovdi injam rustiku għal dan il-proġett.

11.5 Is-Sindku rrefera għal-laqghat li huwa flimkien mas-Segretarja kellu għand xi banek lokali rigward is-self biex jinxtara post biex jintuża bħala uffiċini tal-Kunsill. Huwa semma li issa għandna nirċievu il-proposti tagħhom.

11.6 Sar qbil li għandha tinbidel mera miksura li tinsab fi Triq it-Torri.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:30.

| | |
|---|---|
| ***Noel Formosa*** | ***Lucienne Haber*** |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |